GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 7 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 12 ta’ Ottubru 2009, fil-5.00 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: - Karta Bilanċjali Apr-Ġun ’09.
5. Sports;
6. Progett tankijiet taz-Zejt;
7. Bus Shelter hdejn il-ground;
8. Tender Gbir ta’ Skart
9. Suggerimenti mill-Kunsilliera.

---

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta precedenti Nru 6 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

1. Dwar l-applikazzjonijiet ghal part-time clerk, qeghdin nircievu kwantita ta' CV's minghand diversi applikanti li nfurmatna dwarhom l-ETC. Is-Segretarju qalet li dawk li ghandhom il-kwalifiki mehtiega isirlhom *interview* u ghaldaqstant l-ahjar jinhatar bord biex ikun prezenti ghal-*interviews.*

2. Dwar il-gbir ta' li skart is-Segretarju staqsiet lis-Sur Picco jekk kienx se jibghat cirkulari biex isir stharrig. Is-Segretarju qalet li l-istharrig l-ahjar li jsir qabel ma johrog il-fuljett tal-Kunsill biex fih ninkludu ir-rizultat. Il-Kunsill qabel.

3. Dwar li Skema Inizjattivi Sportivi – 2010, is-Segretarju qalet li l-Kunsill ser japplika ghal fondi biex isir team tal-*basketball* u *netball* ghat-tfal sa ghaxar snin u tfal izghar. Is-Sindku qal li jekk jaccetta is-Surmast ta' l-Iskola Primarja dawn it-tfal jinghataw lezzjonijiet ta' dawn li sports wara l-hin ta' li skola. Is-Sindku qal li kellu laqgha mal-Magistrat Mizzi, persuna li jiehu hsieb teams tal-basketball u dan ta' l-ahhar issuggerixxa li isiru dawn it-teamijiet biex liz-zghazagh inbeduhom mill-vizzji. Il-Kunsill unanimament qabel.

4. Taht li skema Xoghol fil-komunita l-ETC assenjat persuna ohra mal-Kunsill.

5. Is-Segretarju qalet li ghal beneficcju ta' dawk li m'attendewx il-laqgha tal-GAL fis-6 ta' Ottubru 2009 li saret fis-sala Parrokkjali, din kienet dwar progetti li jista jghamel il-Kunsill u biex jghamel dawn il-progetti jista japplika ghal fondi. Il-Progetti mhux bil-fors jintghazlu kollha ghax il-fondazzjoni trid li kull Kunsill jiehu ftit mil-fondi. Is-Segretarju qalet li xhin staqsiet lis-Sur Silvio Schembri tal-GAL dwar il-progetti jekk hux kollha jintghazlu dan wiegeb li mhux bil-fors il-progetti kollha jintghazlu. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk nistghux napplikaw biex parti mil-ground tal-Kappillan jintuza ghaz-zaghzagh kif ukoll issir recreational area fejn hemm il-wied taz-zebbug. Is-Sindku qal li l-Kapillan kuntent li l-ground jigi rrangat.

3.1 **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:-**

1. Irċevejna Memo53/2009 dwar Ftuħ tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali Nhar
   ta' Sibt li ser jibda jkun miftuħ mis-17 ta' Ottubru, 2009. Memo 54/2009 li titratta Attiviatjiet mill-Kunsilli Lokali – Programm fl-Education 22 u TVM.

Memo 55/2009 dwar l-Elezzjoni għall-Membri tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-A.K.L. Memo 56//2009 dwar Emendi għall-Att dwar Kunsilli Lokali. Memo 57/2009 dwar *Disposal Fees* ġodda għar-Rimi ta' l-Iskart imħallat fil-*Landfill*. Memo oħra 58/2009 dwar Pubblikazzjoni ta' Bye-Laws ta' 2009 dwar Attivitajiet fil-Beraħ fil-Lokalita' tal-Mellieħa u Memo 59/2009 titratta Avviż Legali dwar ir-Regolamenti ta' l-2009 dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali ( A.L. 255/2009).E-mail mid-Dipartiment dwar il-Proċedura għall-Elezzjonijiet għall-Kumitat Eżekuttiv ta' L-A.K.L. E-mail mid-Direttur dwar it-Tender tal-ġbir ta' l-iskart domestiku mħallat. E-mail oħra li tittrata l-Avviż Legali 106 ta' l-2008 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent. Irċevejna e-mail minġhand James Catania dwar il-Ftuħ ta' l-Uffiċċini tal-Kunsill nhar ta' Sibt. E-mail mingħand is-Sur M. Degiorgio fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ried xi tagħrif fuq il-kuntrattur li jiġbor l-iskart domestiku, fejn ingħata id-dettalji kollha meħtieġa; Memo 60/2009 Rapport dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali. (L-ahhar Memo se tigi diskussa f'laqgha ohra).

2. E-mail mill-A.K.L. dwar l-avvenimant ELDW 2009. Ċirkolari dwar il-Laqgħa għas-Sindki li ser isir fis-6 u 7 ta' Novembru, 2009, fil-*Hotel Phoenicia*, Floriana. Ir-Reġistru Elettorali għal Elezzjoni ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali 2009;

3. E-mail mingħand Martin Chetcuti mis-Segretarjat għaż-Żgħażagħ u Sport dwar Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ 2009-10;

4. Mill-M.E.P.A. Notifika ta' Avviż f' Nru.16 , Triq San Filippu. Mill-M.E.P.A. dwar *Statement of Funds* għarfuna li l-bilanċ qiegħed ta' € 9,434. E-mail mingħand Marisa Darmanin fejn bagħatet id-Dikjarazzjoni tal-Perit sabiex timtela' minnhu u b'hekk inkunu nistgħu nibbenifikaw għat-tieni pagament ta' l-ewwel fażi tal-proġett;

5. Mill-*Malta Olympic Committee* sabiex jinfurmana li meta l-Kunsill ikun ser jorganizza xi attivita' sportiva l-Kumitat għandu jkun infurmat;

6. E-mail mingħand Sarah De Cesare dwar *Dogs Trust in Ghaxaq*;

7. E-mail mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar il-Laqgħa dwar it-tiġdid fil-Kunsilli Lokali li ser isir fit-12 ta' Ottubru, 2009. E-mail oħra mis-Segretarjat Bord ta' l-Evalwazzjoni fi ħdan l-istess Ministeru fejn infurmat li l-Kunsill se jibbenifika mill-fondi li kien applika fir-rigward ta' l-Iskama Aċċessibilta' Aħjar fil-Lokalitajiet u ċ-ċerimonja ser isir fl-14 ta' Ottubru, 2009, ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Għargħur. E-mail oħra titratta dwar *Customer Care Training Programme* għas-Segretarju Eżekuttiv u l-Iskrivana fejn għarrfu li ser jattendu għal dan it-taħriġ.

8. E-mail mingħand l-Ing. Galea St.John għal laqgħa rigward il-kontijiet li rċevejna mill-W.S.C.;

9. Mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi dwar attivita' kulturali 'Mill-Preistorja sal-Era Diġitali' bejn l-14 u t-18 ta' Ottubru, 2009;

10. Mingħand is-Sur D.Soler dwar il-*Field Officer*;

11. Mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport għal attivitajiet għaż-Żgħażagħ;

12. E-mail mingħand is-Sur Mifsud tal-WasteServ sabiex jiltaqa' mas-Sindku minħabba il-*Bring-In-Sites* li ser isiru taħt l-art fil-*Housing Estate*, proprju fejn qed isir il-proġett. Is-Sindku qal li se jintbghat *draughtsman* u r-rapport jinghata lill-Kunsill.

13. E-mail mingħand Ms M.Taliana rigward siġra tal-ficus li tinsab fil-Bypass k/m Triq il-Miksur, fejn qed isir il-proġett tal-mini-pitch. Is-Sindku qal li s-sigra giet approvata li tinqala u ghalhekk hekk se jsir.

14. Mill-Kumitat Distrettwali tar-Raba' Distrett tal-Partit Laburista stedina għal Attivita' Kommemorattiva 'Karl Chircop';

15. E-mail mingħand Bjorn Formosa tal-GAL Xlokk dwar *launching* uffiċċjali tal-*web-site* li sar fid-9 ta' Ottubru, 2009, ġewwa l-Kunsill Lokali Qormi u e-mail oħra dwar *training* għal membri tal-GAL Xlokk;

16. Ittra mill-ETC fejn infurmawna li ser ikollna persuna oħra assenjata magħna is-Sur Bartolomew Portelli li bħala xogħol jagħmel dak ta' *maintenance*, fejn għarrfuna li ser jibda fil-jiem li ġejjien. E-mail oħra mingħand Carmen Zammit ta' l-ETC fejn bagħatet il-lista ta' kandidati għal post ta' *part-time clerk* mal-Kunsill;

17. Il-Kalendarju Kulturali għall-Kultura u l-Arti, fejn qed jiġbor informazzjoni dwar attivitajiet kulturali li se jsiru bejn Jannar u Marzu, 2010;

18. E-mail mill-MEUSAC dwar *Youth Exchange* u oħra dwar Konferenza Nazzjonali;

19. E-mail mingħand Leon Promotions dwar 'Birgu Fest' u kif ser ikun imfassal il-programm t'attivitajiet;

20. E-mail mid-Diviżjoni għall-Kummerċ stedina għal Seminar ta' nofs ta' nhar fuq Infurzar tad-Drittijiet Intelletwali li ser isir fil-15 ta' Ottubru, 2009;

21. E-mail mingħand is-Sur J. Boxall Sindku tal-Birgu, fejn għarraf li l-Birgu Fest 2010, ser isir mit-8 sa' l-10 ta' Ottubru, 2010;

22. E-mail mis-Segretarju Għaqda Mużikali San Ġużepp dwar il-ħlas għas-servizz tal-banda f'Jum Ħal Għaxaq;

23. E-mail mill-WasteServ Malta Ltd., fejn talbu tagħrif dwar in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li juża l-kuntrattur li jiġbor l-iskart tad-djar. Ingħata risposta.

## 4. Materji Finanzjarji

4.1 **Karta Bilanċjali għall-Ewwel Kwart ( Apr-Jun '09)** :- Il-Viċi Sindku, bħala Chairperson tal-Kumitat tal-Finanzi poġġa kopja tal-Minuti tal-Kumitat u li kienet titratta l-andament finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena. (Appendiċi 'A').

Is-Sur Abdilla qal li l-Accountant ta' rendikont tal-karta Bilanċjali għax-xhur April sa Ġunju 2009. Hu rrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-Minuti tal-Kumitat tal-Finanzi.

Il-Kunsill qabel unanimament li jadotta l-Minuti wara li l-proposta tas-Sur Abdilla ġiet sekondata mis-Sinjura Agius.

## 5. Sports

Is-Sindku qal li in-Nursery tal-football talbet biex tibda tuza l-ground. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni izda is-Sur Abdilla qal li naraw min se jibda jiehu hsieb l-użu ta' kuljum tal-grawnd. Irid ikun hemm persuna biex tiehu hsieb tibbukja l-grawnd kif ukoll tiehu hsieb l-latrini, jew persuna differenti biex tiehu hsieb il-latrini.

Is-Sur Attard qal li ser issir *League* tal-bocci fil-grawnd ta' Hal Ghaxaq. Minn Hal-Ghaxaq se jiehdu sehem tlett timijiet. Hu jixtieq li meta jinghataw it-trophies isir riceviment zghir mghoti mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

## 6. Progett tankijiet taz-Zejt

Is-Sindku qal li dwar dan il-progett, il-*Management* ta' dan il-progett jixtieq jiltaqa mal-Kunsill kollu biex isiru il-proposti taghhom. Is-Sur Vassallo qal ukoll li din il-kumpanija ghanda il-hsieb li dawn it-tankijiet isiru taht l-art u se jkun fihom biss diesel u heavy oil. Is-Sur Abdilla qal li iridu juru fic-car li ma jkunx hemm periklu ghar-residenti.

Il-Kunsill qabel li ghanda issir laqgha ma esperti fuq dan ix-xoghol biex il-Kunsill jiehu opinjoni taghhom. Issemma is-Sur Alan Deidun li kiteb artiklu dwar dan il-progett kif ukol is-Sur Steve Borg, dawn it-tnejn ghandhom jigu kkuntatjati biex jigu l-Kunsill sabiex isir laqgha ta' nformazzjoni. I-Kunsill qabel.

## 7. Bus Shelter hdejn il-Ground

Is-Sindku qal li hemm il-htiega li l-Bus Shelter li hemm Dawret Hal-Ghaxaq fejn qieghed isir il-ground jigi spustat. Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lill-kumpanija *Faces* li tiehu hsieb dawn il-*Bus Shelters* biex dan jitressaq ftit metri l-isfel lejn Bir-id-Deheb.

**8. Tender Gbir ta' li Skart**

Wara li l-Kunsill kellu laqgha ma' l-Onor. Chris Said nhar it-12 ta' Ottubru 2009 dwar it-tender tal-gbir ta li skart, gie deciz li t-tender li hemm jigi estiz bi tlett xhur ohra sakemm il-Kunsill ikollu risposta tal-istharrig li se jaghmel biex jara ir-residenti x'jixtiequ.

**9. Suġġerimenti mill-Kunsillieri.**

a. Is-Sur Abdilla staqsa hemmx il-possibilta li kuntrattur li qieghed jopera bi crane fis-service road ta' Ghaxaq by Pass jinghata permess biex jaghlaq it-Triq fejn qieghed jahdem. Din it-triq tinghalaq temporanjament. Is-Sindku qal li it-Triq ma tistax tinghalaq minhabba ir-residenti. Is-Sur Abdilla qal li ir-Rahal Gdid u tas-Sliema dan il-kuntrattur inghata permess biex jghalaq it-Triq. Is-Segretarju qalet li ser tghamel kuntatt mas-segretarju tar-Rahal Gdid biex tkun taf xi procedura ittiehdet.

b. Is-Sindku qal li l-kumpanija Elbros li qeghda tghamel xogholijiet fi Triq it-Tumbarellu kantuniera ma Ghaxaq by Pass hemm il-htiega li tghamel bollards tal-plastik minhaba periklu li hemm. Is-Segretarju ser ticcekja jekk dan il-kuntrattur ghandux certifikat tal-*Health and Safety*. Il-Kunsill qabel

c. Is-Sur Vassallo qal li hemm il-htiega li ssir kamera ghal dawk li jabbuzaw li mis-*service road* johorgu wrong way ghal go Ghaxaq by Pass. Il-Kunsill qabel unanimament.

d. Is-Sindku qal li dan l-ahhar kellu laqgha mal-President ta' Malta u dan ta' l-ahhar jixtieq li kull kunsill jghamel attivita u il-qliegh minnha jmur ghal *Community Chest Fund*. Il-Kunsill qabel li jghamel attivita ghal dan il-ghan.

e. Is-Sinjura Agius qalet li l-Karnival 2010 se jibda fit-12 ta' Frar 2010. Qalet ukoll li jekk il-Kunsill ghadu bil-hsieb li jgib il-Vikingi, il-lukanda Dolmen toffri servizz ta' Bed and Breakfast ghal prezz ta' €12.50. Is-Segretarju qalet li se tara x'possibiltajiet hemm biex dawn il-Vikingi jingiebu Malta.

f. Is-Sur Vassallo qal li s-sena id-diehla jixtieq jorganizza GhaxaqFest. Is-Sur Abdilla qal li trid tinghazel it-tema u wara tahseb x'jista jsir. Il-Kunsill qabel.

g. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk jistghux isiru tabella ta' li *speed limit* f'Ghaxaq by Pass biex is- sewwieq jsuqu aktar bil-mod u tistghax titnehha is-*central strip*. Qalet ukoll li jkun sabih kieku jinzerghu fjuri u pjanti fis-service road. Is-Sindku qal li se jara x'jista jsir.

h. Is-Sindku qal li l-ahjar nohorgu sejha ghal offerti ghat-tizjin tal-Milied. Il-Kunsill qabel.

i. Is-Segretarju qalet ukoll li jkun ahjar jekk tohrog sejha ghad-Diaries halli dawn isiru fil-hin biex jitqassmu qabel l-ewwel tas-sena 2010. Il-Kunsil qabel.

GĦAXAQ

**Aggornament**

Is-Sindku fis-8.15 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2009 fil-5.00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2009 fil-5.00pm